MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ROBERT G MANGION

Seduta ta' l-20 ta' Novembru, 2014

Rikors Numru. 463/2012

**A B**

**vs**

**L-Avukat Simon Micallef Stafrace u l-Prokuratur LegE Marie Claire Bartolo li gew nominati permezz ta' digriet tat-8 ta' Marzu 2013 sabiex jirrapprezentaw lil C D E F li jinsab assenti minn Malta**

**Il-Qorti,**

**Preambolu;**

Rat ir-rikors tal-attrici tat-22 ta' Awwissu 2012 li permezz tieghu talbet li l-Qorti tippronunzja l-hall taz-zwieg ta' bejn il-partijiet.

Rat ir-risposta tal-kuraturi deputati.

Rat illi fl-14 ta’ Ottubru 2014 ir-rikors thalla ghas-sentenza.

Rat l-atti kollha.

Ikkunsidrat.

**Provi**.

Mill-provi migbura jirrizulta:

Illi l-partijiet izzewgu fis-17 ta’ April 1998, u minn dan iz-zwieg kellhom tifla li ghadha minorenni;

Illi l-partijiet kienu sseparaw permezz ta’ sentenza datata 21 ta’ Gunju 2006;

Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ma hemm ebda kwistjoni bejn il-partijiet dwar manteniment;

Ikkunsidrat;

Illi l-provi imressqa jissodisfaw dak rikjest bl-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta ghall-ksib tad-divorzju;

**Decide**.

Ghal dawn il-motivi,

1) Tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti u tippronunzja l-hall taz-zwieg civili ta' bejn il-partijiet; u

2) Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien xahar javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku ai termini tal-Artikolu 66A tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Spejjez bla taxxa.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------